# L-GĦANJA TAL-POPLU

**FESTIVAL TAL-KANZUNETTA MALTIJA**

**2017 (41 Edizzjoni)**

## Regolamenti

**© L-Għanja tal-Poplu 1973 – 2017 (VO/0574)**
**W:** www.ghanjafest.com **E:** ghanjatalpoplu@gmail.com
**T:** 21233893 / **H:** 21683761 **M:** 79923522

### 1. IL-FESTIVAL

**1.1** Il-festival **L-Għanja tal-Poplu - *Festival tal-Kanzunetta Maltija*** huwa festa ta' kanzunetti oriġinali bil-Malti, interpretati u akkumpanjati live.

Din is-sena (2017), il-festival hu organizzat mill-kumitat *L-Għanja tal-Poplu* flimkien ma' Pjazza Teatru Rjal u b'kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Malti. Il-*Malta Concert Orchestra* ser tkun qed tagħti s-sehem tagħha f'dan il-festival b'ħidma id f'id mal-kompożituri tal-kanzunetti finalisti.

Il-festival qed jittella' bis-sapport tal-Kunsill Malti għall-Arti permezz tal-ftehim ta' sħubija kulturali (*Cultural Parnership Agreement*) ta' tlett snin li sar mal-Għanja tal-Poplu.

**1.2** L-għanijiet ewlenija tal-festival huma:

(a) li jġib 'il quddiem il-kanzunetta Maltija ta' kwalità;
(b) li joħloq opportunità biex il-kompożituri u l-awturi jwasslu l-kanzunetta tagħhom lill-publiku Malti;
(ċ) li, anke wara l-festival, ikompli jgħin lill-artisti Maltin isibu udjenza dejjem ikbar għall-kanzunetta tagħhom.

**1.3** Il-festival jiżvolġi fi tlett fażijiet:

(a) l-ewwel fażi tal-għażla, li fiha mill-kanzunetti kollha sottomessi jintgħażlu l-aħjar 48 kanzunetta.
(b) It-tieni fażi tal-għażla, li fiha jitkantaw l-48 kanzunetta quddiem il-ġurija, u minnhom jintgħażlu l-kanzunetti finalisti.
(ċ) Is-serata finali, fejn jitħabbru r-rebbieħa.

## 2. IL-KANZUNETTI

**2.1** Biex jidħlu għall-festival il-kanzunetti jridu jkunu:
(a) oriġinali, jiġifieri l-lirika u l-mużika tagħhom qatt ma jkunu ġew ippubblikati;
(b) bil-Malti;
(ċ) mhux itwal minn tliet minuti u nofs.

**2.2** It-tema tal-kanzunetta hija libera, jiġifieri tista' tittratta kull suġġett. Id-direzzjoni tixtieq iktar varjazzjoni kemm fil-lirika kif wkoll fil-kompożizzjoni.

Dan il-festival jinkoraġġixxi l-kitba ta' kanzunetti li jesprimu l-esperjenzi, il-gosti, ix-xewqat, ir-relazzjonijiet u l-aspirazzjonijiet kemm personali, kif ukoll kollettivi, jiġifieri bħala poplu fuq din il-ġżira jew bħala ċittadini tad-dinja.

Nota: L-awtur jista' jikteb fuq dak li jrid, u mhux bilfors fuq tema soċjali. Din is-sena mhux ser ikun hemm il-premju għat-tema soċjali biex nidderieġu l-festival lejn iktar varjetà fis-suġġetti. Anke f'dak li hu stil mużikali, il-lingwa Maltija hija addatata biex tkun interpretata b'diversi stili mużikali.

**2.3** L-istil mużikali tal-kanzunetti huwa liberu.

**2.4** Il-kanzunetti ser jiġu ġġudikati skont il-kliem u l-mużika u r-rabta ta' bejniethom.

**2.5** Il-kanzunetti b'tema vulgari u/jew ta' propaganda partiġġjana ma jiġux aċċetati.

**2.6** Persuni involuti fl-organizzazzjoni tal-festival kif wkoll id-diretturi tal-orkestra ma jistgħux jkollhom sehem fil-produzzjoni ta' kanzunetti li ser ikunu sottomessi fil-festival.

## 3. IS-SOTTOMISSJONI TAL-KANZUNETTI

**3.1** Tista' tiġi ppreżentata iktar minn kanzunetta waħda għall-eliminatorja.

**3.2** Il-kanzunetta trid tkun rrekordjata fuq CD. Il-kliem għandu jkun jinftiehem u l-melodija tkun tirrifletti kif ser tkun akkumpanjata l-kanzunetta fl-istadju finali.

**3.3** Għal kull kanzunetta jrid jiġi ppreżentat envelop A4 separat li jkun fih:

(a) recording tal-kanzunetta fuq CD li fuqu jkun hemm miktub biss l-isem tal-kanzunetta;
(b) għaxar kopji tal-lirika;
(ċ) l-applikazzjoni għall-parteċipazzjoni, mimlija mill-parteċipanti, iffirmata mill-awtur u kompożitur.
(d) kontribuzzjoni ta' €50

(Jekk l-awtur, il-kompożitur u l-kantant jew tnejn minnhom attendew il-Forum fl-14 u fil-21 ta' Jannar 2017, jingħataw reimbors ta' €20 għall-kull kanzunetta.)

**3.4** L-envelops tal-kanzunetti jintlaqgħu fl-uffiċċju tal-Għanja tal-Poplu, 227 Triq il-Merkanti, il-Belt, nhar Il-Ħamis 11 ta' Mejju 2017 , mill-10:30–12:00 u mis-18:00 sad-21:00.

## 4. L-ELIMINATORJA

**4.1** Għall-iskop ta' dawn ir-Regolamenti:

- PARTEĊIPANT tfisser "persuna jew grupp li jkollha sehem fil-ħolqien tal-kanzunetta bħala awtur tal-versi jew kompożitur tal-mużika".
- INTERPRETU tfisser "persuna/i li jkollha/hom sehem fit-twassil tal-kanzunetta lill-udjenza". Dan jinkludi kantant/a/i jew mużiċist/a/i.
- KANTAWTUR tfisser "persuna /grupp li jinterpreta kanzunetta bi kliem u mużika tal-persuna / grupp stess"

**4.2** Il-ġurija tal-eliminatorja tkun magħmula minn persuni esperti fil-lirika, fil-mużika jew fit-tnejn.

**4.3** Il-ġurija tal-eliminatorja tiġġudika qabelxejn il-kwalità tal-lirika u l-melodija tal-kanzunetti u r-rabta ta' bejniethom, u mhux il-preżentazzjoni jew il-kwalità akustika tagħhom. Mhux mitlub recording demo ta' kwalità professjonali. B'hekk parteċipant jista' jevita spejjeż żejda.

**4.4** Kanzunetta li tkun intgħażlet bħala finalista ma tistax tiġi rtirata mis-serata finali jew mis-CD uffiċjali tal-festival.

## 5. IL-FAŻI FINALI

**5.1** Kull parteċipant u interpretu ta' kanzunetta ppreżentata fis-serata finali tal-festival għandu jkollu/ha sittax-il sena jew iktar sat-2 ta' Settembru 2017.

**5.2** Fis-serata finali kantant/a jew grupp jista'/tista' jinterpreta/tinterpreta sa żewġ kanzunetti.

**5.3** Fis-serata finali, il-*Malta Concert Orchestra* (taħt it-tmexxija ta' Mro Joe Brown u Mro Paul Abela) ser tkun għad-dispożizzjoni ta' dawk li jridu jagħmlu użu mis-servizz tagħha. Il-parteċipanti tal-finali jridu jiddikjaraw min ser jakkumpanja l-kanzunetta. Jeżistu tlett possibiltajiet:

jew (a) li jkantaw u jakkumpanjaw il-kanzunetta huma stess, u jsiru l-provi meħtieġa fejn tkun assikurata l-kwalita';
jew (b) li jkantaw u jkunu akkumpanjati kompletament mill-orkestra.
jew (ċ) li jkantaw u jdoqqu strument/i u jkunu megħjunin mill-orkestra.

**5.4** Fil-kas 5.3 (b) u (ċ), l-akkumpanjament ser ikun kif jixtieq il-kompożitur. F'kas ta' diffikulta l-aħħar deċiżjoni hija dik tal-kumitat organizzattiv.

**5.5** L-arranġament mużikali jista'

jew (a) isir kompletament mill-kompożitur tal-kanzunetta bi ftehim mad-diretturi tal-orkestra, u jitlesta sal-14 ta' Lulju 2017;
jew (b) isir mid-diretturi tal-orkestra bi ftehim mal-kompożitur tal-kanzunetta.

**5.6** Il-parteċipanti jekk jħossu l-bżonn jistgħu jipprovdu xi strumentazzjoni a' spejjes tagħhom, u bi ftehim mad-diretturi tal-orkestra.

**5.7** Il-backing vocals jipprovduhom il-parteċipanti.

**5.8** Grupp mużikali jista' jkun fih sa 7 elementi, inklużi l-kantanti prinċipali.

## 6. APPUNTAMENTI

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa, 15 ta' Marzu, 2017 | Jitħabbru ir-regolamenti |
| Il-Ħamis, 11 ta' Mejju, 2017 | Sottomissjoni tal-kanzunetti, mill-10:30-12:00 u mis-18:00-21:00, fl-uffiċċju tal-Għanja tal-Poplu, YTC, 227, Triq il-Merkanti, il-Belt. |
| Tielet ġimgħa ta' Mejju, 2017 | Jitħabbru l-aħjar 48 kanzunetta skont il-ġurija, u jinqasmu fi tlett settijiet ta' 16-il kanzunetta. |
| Il-Ħamis, l-1 ta' Ġunju, 2017 | Jinstemgħu l-ewwel sett kantati live akkumpanjati mill-playback . |
| Il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju, 2017 | Jinstemgħu t-tieni sett kantati live akkumpanjati mill-playback |
| Is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2017 | Jinstemgħu t-tielet sett kantati live akkumpanjati mill-playback. |
| | Jitħabbru l-finalisti |
| | Issir laqgħa tal-parteċipanti finalisti mad-diriġenti tal-orkestra biex naraw kif ser ikunu interpretati il-kanzunetti. |
| Il-Ġimgħa, 28 ta' Lulju, 2017 | Ir-rikordings tal-kanzunetti finalisti jridu ikun lesti. |
| Mill-Ħadd, 20 ta' Awwissu, 2017 | Provi mal-orkestra |
| Mill-Ħadd,27 ta' Awwissu, 2017 | Provi fi Pjazza Teatru Rjal |
| | Prova ġenerali (Possibilta' li tattendi ġurija) |
| Is-Sibt, 2 ta' Settembru, 2017 | Serata finali – Pjazza Teatru Rjal, |

**6.2** Min se jieħu sehem fil-festival irid ikun lest li jattendi għall-provi u s-serati finali.

## 7. IS-SERATI FINALI

**7.1** Il-kanzunetta li titkanta fil-finali trid tkun l-istess kanzunetta, fil-lirika u l-melodija, li tkun ġiet ippreżentata fl-eliminatorja. Korrezzjonijiet wara l-eliminatorja jistgħu jsiru bl-approvazzjoni tal-kumitat organizzattiv.

**7.2** Filwaqt li wieħed għandu jippreżenta u jinterpreta l-kanzunetta bl-iktar mod xieraq għas-suġġett, ta' min ifakkar li l-esaġerazzjoni fil-moviment, fl-ilbies, fiż-żfin, fil-mima, eċċ. tista' taljena l-attenzjoni tal-udjenza mil-lirika u l-melodija, li huma l-qofol tal-kanzunetta.

**7.3** Il-ġurija fis-serati finali tkun magħmula minn persuni esperti fil-lirika, fil-mużika jew fit-tnejn, li jkunu differenti mill-ġurija tal-eliminatorja. Hemm il-possibilta' li waqt il-prova ġenerali tattendi ġurija popolari magħżula mill-kumitat organizzattiv, li jkollha vot li jingħadd ma' dak tal-ġurija esperta.

## 8. IL-PREMJIJIET

**8.1** Ir-rikonoxximent tal-awturi u l-kompożituri tal-kanzunetti kklassifikati fl-ewwel tlett postijiet jikkonsisti fi trofew għall-awtur, ieħor għall-kompożitur u trofew ieħor lill-kantant/a, kif ukoll

- ✓ €1500 lill-kanzunetta klassifikata fl-ewwel post JEW ħlas sa €2000 f'għajnuna lill-kantant/grupp biex jippartecipa/w f'attivita' mużikali ta' kwalità barra minn Malta, magħżula mill-Għanja tal-Poplu.
- ✓ € 600 lill-kanzunetta klassifikata fit-tieni post;
- ✓ € 400 lill-kanzunetta klassifikata fit-tielet post.

**8.2** L-awtur u l-kompożitur tal-kanzunetta rebbieħa tal-festival jingħatalhom it-trofew ***L-Għanja tal-Poplu*** li jinżamm sal-edizzjoni tal-festival ta' wara.

**8.3** Ir-rikonoxximenti jinkludu wkoll:

- ✓ trofew lill-kantant/a jew grupp bl-aħjar interpretazzjoni,
- ✓ trofew għall-oriġinalita' tal-kanzunetta
- ✓ trofew għall-aħjar kantawtur jew grupp

## 9. IL-PUBBLIĊITÀ U S-CD TAL-FESTIVAL

**9.1** Il-kanzunetti, il-parteċipanti u l-interpreti finalisti tingħatalhom pubbliċità fuq il-mezzi tax-xandir, ir-radju, it-televiżjoni u l-internet. Il-parteċipanti huma mitluba jikkoperaw kemm jistgħu mal-kumitat organizzattiv biex din il-pubbliċità tkun tista' ssir bl-aħjar mod.

**9.2** L-Għanja tal-Poplu ikollu id-dritt li jibqa' jxandar dawn ir-recordings għal skop ta' promozzjoni tal-festival. Id-drittijiet tal-kanzunetta jibqgħu tal-awtur u kompożitur.

**9.3** Bħal kull sena, il-kumitat tal-festival jippubblika CD uffiċjali tal-festival bil-kanzunetti finalisti kollha. Ir-rikording finali ta' dawn il-kanzunetti jrid ikun lest sal-Ġimgħa 28 ta' Lulju 2017.

**9.4** L-organizzaturi tal-festival ikollhom id-dritt jinkludu l-kanzunetti finalisti fis-CD tal-festival u jbigħu s-CD.

**10.** Dawn ir-regolamenti huma suġġetti għal tibdiliet mill-kumitat *L-Għanja tal-Poplu*. Id-deċiżjonijiet tal-kumitat huma finali.

*Is-sehem tiegħek f'dan il-festival għandu jkun esperjenza pożittiva għall-karriera tiegħek. Għalhekk inħeġġuk tippartecipa. Jekk għandek xi mistoqsija jew diffikultà, nistednuk tikkuntattjana pemezz tal-email* ghanjatalpoplu@gmail.com *. Min-naħa tagħna, se nżommuk aġġornat/a b'dak li jkun qed jiġri permezz tal-websajt www.ghanjafest.com u facebook: ghanjatalpoplu*

*Jekk għandek xi ħbieb li jista' jinteressahom li jieħdu sehem fil-festival, ħajjarhom jippartecipaw.*

© L-GĦANJA TAL-POPLU (2017)